MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru 616/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR I. J. ABDILLA**

**VS**

**JOSEPH GALDES**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Galdes ta' 35 sena, bin Gaudenzio u Giorgina nee' Attard, imwieled Pieta' fl-20 ta' Marzu 1969, u li joqghod f'numru 10, Triq San Vincenz de Paola, Luqa, detentur ta' karta ta' l-Identita' bin-numru 142769(M);

Talli, individwalment jew bhala propjetarju ta’ l-istabilimet Gilda Boutique, nhar il-Gimgha 21 ta’ Mejju 2004, f’dawn il-Gzejjer:

a) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b) ghamel uzu, xjentement, ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq.

U aktar talli, fl-istess data u lok, ghall-qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa immanifattura jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha.

Wara illi rat l-Artikoli 298 (1)(a), (c) u (f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni ta’ l-imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmi Joseph Galdes hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-istess ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri, qieghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma' jikkommettix reat iehor fiz-zmien sena mil-lum a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti qieghda wkoll tordna d-distruzzjoni ta' l-oggetti ezebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------